

**Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)**

**9918/22
ADD 1**

**DENLEG 41
FOOD 39
SAN 369**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D080145/03 ANNEX
Suġġett:	ANNEX tar- REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 li jstabilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preżenza tal-ossidu tal-etilen fl-addittivi tal-ikel

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D080145/03 ANNEX.

Mehmuż: D080145/03 ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
SANTE/10004/2022 ANNEX
(POOL/E2/2022/10004/10004-EN
ANNEX.docx) D080145/03
[...](2022) **XXX** draft

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 231/2012 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-preżenza tal-ossidu tal-etilen fl-addittivi tal-ikel

ANNESS

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 231/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-test introdutturju “*Nota: L-ossidu tal-etilen ma jistax jintuża għal għanijiet ta’ sterilizzazzjoni fl-addittivi tal-ikel*” huwa sostitwit b’dan li ġej:

“L-ossidu tal-etilen ma jistax jintuża għal għanijiet ta’ sterilizzazzjoni fl-addittivi tal-ikel.

L-ebda residwu ta’ aktar minn 0,1 mg/kg ta’ ossidu tal-etilen (is-somma tal-ossidu tal-etilen u tat-2-kloro-etanol, espressa bħala ossidu tal-etilen*), irrispettivament mill-oriġini tiegħu, ma għandu jkun preżenti fl-addittivi tal-ikel elenkati fl-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, inklużi t-taħlitiet tal-addittivi tal-ikel.

* jġififieri l-ossidu tal-etilen + 0,55* 2-kloroetanol.”;

- (2) fl-entrati għall-E 431 stearat tal-poliossietilen (40), l-E 432 monolawrat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 20), l-E 433 monooleat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 80), l-E 434 monopalmitat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 40), l-E 435 monostereat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 60), l-E 436 tristearat tal-poliossietilen sorbitan (polisorbat 65), l-E 1209 kopolimeru ttrapjantat tal-alkoħol polivinil u l-glikol tal-polietilen u l-E 1521 glikol tal-polietilen, fl-ispeċifikazzjoni “Purità”, titħassar ir-ringiela “Ossidu tal-etilen”.